MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2012

Appell Kriminali Numru. 361/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Joseph Schembri**
***Omissis***
***Omissis***

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat [detentur tal-karta tal-identita` numru 147452M] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-5 ta' Lulju, 2008 bil-hsieb li jezercita dritt li jippretendi li ghandhu, biddel is-serratura tal-garaxx Nru. 10 u 11 (bieb wiehed) li jinsab fi Triq San Tumas, Hal Luqa minghjar il-kunsens ta' Rosalia Schembri li tieghu l-persuna msemmija hawn fuq kellha l-pussess tal-imsemmi garaxx li hu propjeta` taghha u ta' zewgha Joseph Schembri.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Lulju, 2010, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' mitt euro (100). Odnat lill-imputat li

jikkonsenja kopja tac-cavett lil Rosaria Schembri fi zmien tmien t-ijiem minn dakinhar tas-sentenza. Minbarra dan, wara li rat l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali ikkundanntu ihallas is-somma ta’ hames mija u sittin euro (€565) bhala spejjez inkorsi fil-hatra ta’ periti.

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Schembri minnu pprezentat fit-2 ta’Awwissu, 2010 fejn talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, fejn sabet lil l-appellant hati ta’ l-unika imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni htija u piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

L-appellant umilment jirrileva illi, bir-rispett kollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt legalment u ragonevolment ssibu hati ta’ ragion fattasi, a basi tal-provi prodotti quddiema, u konsegwentement, jilmenta illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi. Filfatt, dan huwa l-uniku aggravju, illi fuqu huwa bbazat dan l-appell.

L-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, jistipula illi:

*‘Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta’ ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għalih, jew b’xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta’ priġunerija minn xahar sa tliet xhur:*
*Iżda, il-qorti tista’, fid-diskrezzjoni tagħha, minflok ilpiena hawn fuq imsemmija, tagħti l-piena tal-multa.’*

L-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell, kellha l-opportunita li tippronuzja ruha u tidefinnixxi l-elementi kostituttivi ta’ dan ir-reat, diversi drabi. Jekk wiehed jifli sew il-gurisprudenza nostrana, jsib illi l-Qrati taghna, jiddefinixxu l-elementi tar-reat in dezamina bhala:

a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn drit li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta’ dik il-persuna.
b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt;
c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b’idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali;
d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f’reati aktar gravi.

Dawn l-elementi tar-reat ta’ ragion fattasi, gew definiti mill-Qorti, f’diversi kawzi, fosthom fil-kawza fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Eileen Said, fejn il-Qorti spjegat illi l-elementi ta’ dan ir-reat:

*‘Illi kif dejjem gie ritenut element importanti kostituttiv ta’ dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta’ dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta’ serq jew danni volontarji fuq proprjeta’ ta’ haddiehor per ezempju . Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet . L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha’*

Meta wiehed jezamina sew il-fatti tal-kaz, u l-provi prodotti quddiem il-Periti Legali jirrizulta illi l-appellant ma seta ghamel xejn minn dak imsemmi aktar ‘il fuq u dan peress illi kif jirrizulta ampjament mill-provi prodotti, dak iz-zmien meta allegatament sehh ir-reat, huwa kien qed jiskonta piena karcerarja. Dan il-fatt johrog car mix-xhieda ta’ l-appellant stess, u liema xhieda hija korraborata mix-xhieda kollha l-ohra li xehedu, inkluz dik tal-kwerelanti.

Jidher pero` illi l-perit legali fir-rapport tieghu, liema rapport jifforma parti integrali mis-sentenza appellata, ta’ piz il-fatt illi l-appellant kien talab lil Claire, cioe` bintu

sabiex tbiddel is-serratura tal-bieb hi, u ovvjament ma taghtix kopja tac-cavetta lil martu. Dan il-fatt irrizulta ampjament mill-provi prodotti, sejatament ix-xhieda ta' Claire Pace u ta' Joseph Carabott, li hu stess ammetta illi kien biddel is-serratura, wara li hekk talbitu jaghmel Claire Pace. Fir-rapport tieghu, il-perit legali jghid hekk: *'Fil-fehma tal-espoenent, kemm Claire Pace kif ukoll Joseph Carabott m'ghandhomx jirrispondu ghall-akkuza mressqa fil-konfront taghhom billi, fir-rigward tat-tnejn, ma jirrizultawx l-elementi kollha tar-reat li bih gew akkuzati. Infatti huma agixxew fuq stuzzjonijiet ta' Joseph Schembi li, bhala propjetarju u possessur tal-garage, kellu dritt jibdel is-serratura tal-garage bla ma jispolja lill-martu mid-dritt li jkollha cavetta tas-serratura l-gdida. Id-decizjoni li l-kwerelanti ma tinghatax cavetta gdida kienet mehudha minn Joseph Schembri u kienet din id-decizjoni li kkawzat l-ispoll'.*

B'dan is-semplici fatt illi l-appellant talab lil bintu sabiex tbiddillu s-serratura, u din l-istess bintu agixxiet fuq struzzjonijiet tieghu, l-appellant ma ezercita ebda awtorita` fuqha jew fuq kwalunkwe persuna ohra sabiex twettaq ir-reat, u ghalhekk l-appellant ma seta qatt jinstab hati illi *bl-awtorita tieghu nnifsu... ifixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu...'*

Il-fatt illi l-appellant naqas milli ghaddi cavetta lil martu, fiti ghandha piz fic-cirkostanzi, u dan peress illi l-akkuza kif dedotta hija cara, u cioe` tirreferi ghal bdil fis-serratura, f' data partiolari, u ossia ghal hamsa (5) ta' Lulju, 2008.

Ghalhekk fil-fehma umli ta' l-appellant, ma jikkonkorrux l-elementi kollha tar-reat dedott kontra tieghu, kemm dawk materjali kif ukoll l-elementi morali, u konsegwentement ghandu jigi liberat minnu.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fis-sena 2007 l-appellant kien gie ordnat jizgombra mid-dar matrimonjali tieghu fuq ordni tal-Qorti tal-Familja. F'din id-dar baqghu joqghodu martu Rosalia Schembri ad eskluzjoni ta' l-appellant. Wara dan,

l-appellant mar joqghod go garaxx fil-fond 10/11 Triq San Tumas, Hal Luqa li wkoll kienet propjeta tieghu. Sussegwentement fit-2 ta' Lulju, 2008 l-appellant gie mibghut tliet (3) xhur habs mill-Qorti ta' l-appell kriminali ghax kien naqas li jhallas lil martu l-manteniment stabbilit mill-Qorti tal-Familja. F'dan il-perjodu waqt li kien qed jiskonta piena kalcerarja l-appellant ghadda c-cavetta ta' dan il-garaxx fejn kien joqghod lil bintu Claire u fost diversi struzzjonijiet qallha biex tbiddel is-serratura tal-garaxx. Bintu hekk ghamlet u sussegwentament l-appellant gie mressaq il-Qorti bic-citazzjoni akkuzat fl-imputazzjoni odjerna. B'decizjoni moghtija fil-21 ta' Lulju, 2010 (fol 86), il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, kkundannatu ghal multa ta' €100 kif ukoll is-somma ta' €565 spejjes inkorsi fol-hatra tal-Periti. F'din is-Sentenza l-Qorti tal-Magistrati strahet fuq il-konkluzjoni tal-Perit Legali fejn dan irrakkomanda illi la darba s-serratura nbidlet fuq struzzjonijiet ta' l-appellant allura kellu jinstab hati. Id-difiza qeghda tallega illi f'dan il-kaz ma jezistux l-elementi kollha tar-reat tar-ragion fattasi principalment illi l-appellant ma seta' qatt "bl-awtorita tieghu nnifsu . . . ifixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu . . .".

Ikkunsidrat.

M'huwiex ikkontestat illi fil-gurnata u l-hin meta nbidlet is-serratura l-appellant kien il-habs u lanqs ma hu kkontestat illi hu kien qal lil bintu Claire sabiex, fl-assenza tieghu tbiddel is-serratura kif fil-fatt ghamlet. B'dana l-att mart l-appellant, illi wkoll kellha d-drittijiet x'tikkawtela fuq dan il-garaxx, giet spoljata mill-pussess ta' dan il-fond. Il-Qrati taghna kellhom diversi okkazjonijiet sabiex jippronuncjaw ruhhom dwar l-elementi ta' dan ir-reat ta' ragion fattasi u dejjem segwew il-linja gwida illi kienet giet moghtija mill-Imhallef William Harding fis-Sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza Il-Pulizija vs Giuseppe Bonavia et (volume XXXII – IV page 768) u dawn jinkludu :

A. Att esteren li jimpedixxi persuna ohra minn diritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna.

B. L-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt;

C. Ix-xjenza ta’ l-imputat li qed jiehu b’idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali; u d: li l-att ma jinkwadrax ruhu f’reat aktar gravi.

Illi kif dejjem gie ritenut element importanti kostitwittiv ta’ dan ir-reat hu dak intenzjonali, fis-sens li l-agir ta’ dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsiebli hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta’ serq jew danni volontarji fuq propjeta ta’ haddiehor. Ghalhekk hemm bzonn li ssir indagni fuq moven li jkun wassal lil persuna li kkommettiet dan ir-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga illi ghandu t-tgawdija taghha (Qorti ta’ l-Appell Kriminali Il-Pulizija vs Vincent Cortis, 27 ta’ Novembru 2008).

Ma hemmx dubju illi l-hsieb ta’ l-appellant kien illi jippriva lill-martu milli jkollha access fil-fond liema access kien bi dritt jispetta lilha wkoll, dan il-hsieb twettaq ghax fil-fatt ippriva lil martu mit-tgawdija tal-fond. Veru illi dan kollu sar tramite bintu Claire ghax ma kienx l-appellant illi effettivament biddel is-serratura, pero’ l-Qorti ma tistax ma tinjorax l-operat ta’ l-appellant fil-kuntest ta’ l-Artiklu 42 tal-Kodici Kriminali li jitratta l-istitut tal-komplicita u l-agir ta’ l-appellant jaqa’ nettament taht is-sub Paragrafu A u E. F’dan il-kaz ghalhekk bhala komplici jehel il-piena stabbilita ghall-awtur.

Ghalhekk din il-Qorti issib illi l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet ragunevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni illi waslet ghaliha. F’dan il-kaz hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmulha mill-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------